MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 405/2014

**The General Soft Drinks Company Limited (C1591)**

**vs**

**Pulis Emanuel (ID No. 30182M) u**

**Borg Michael Lee (ID 473900L)**

**solidalment bejniethom**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenuti, solidalment bejniethom, ghandhom ihallsu s-somma ta' elfejn, mija u tmien ewro, hamsa u hamsin centezmu (€2,108.55c) prezz ta' merkanzija

mibjugha u kkonsenjata lilhom u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat ‘Dok.A’.
Bl-imghaxijiet mill-31 t’ Awwissu, 2012 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, solidalment bejnietjom, li huma ngunti in Subizzjoni.

Ra n-nota li giet ipprezentata mis-Socjeta’ attrici, datata 1 ta’ Dicembru, 2014, li permezz taghha cediet il-kawza limitatament fil-konfront tal-konvenut Emanuel Pulis, filwaqt illi zammet ferm id-drittijiet kollha taghha fil-konfront tal-konvenut Michael Lee Borg.

Ra n-nota li giet ipprezentata mis-Socjeta’ attrici, datata 5 ta’ Gunju, 2015, li permezz taghha l-istess Socjeta’ attrici rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ elf, erbgha u hamsin ewro, sebgha u ghoxrin centezmu (€1,054.27c), u dan stante pagament fil-mori tal-kawza ta’ parti mis-sorte.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jillibera lill-konvenut Emanuel Pulis mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa’ t-talba limitatament fil-konfront tal-konvenut Michael Lee Borg u jikkundanna lill-istess konvenut Michael Lee Borg ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erbgha u hamsin ewro, sebgha u ghoxrin centezmu (€1,054.27c), bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez jkunu a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------